# UPDATE PRIESTS 10

Għeżież,

Bil-għajnuna ta' Alla erġajna qrobna għall-festi tal-Milied. L-Avvent huwa żmien ieħor għalina s-saċerdoti li joffri opportunita` tajba li nitkellmu fuq is-sbuħija tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Naħseb li lkoll konxji mill-fatt kemm dan is-Sagrament tant sabiħ mhuwiex mifhum, jew agħar minn hekk, kemm ġie mistur u mgħotti bi preġudizzji negattivi u koroh. Ma nistennewx aħjar! Fil-fatt, flimkien mal-Ewkaristija, dan is-Sagrament huwa l-mezz kif Alla jixtieq jilħaq il-qalb tal-bniedem sabiex ifejjaq il-mard u jimla l-ispazju bil-ferħ ġenwin. Nemmen li meta persuna tagħraf tifhem tuża s-Sagrament tar-rikonċiljazzjoni b'mod kif Alla jrid, allura din il-persuna tkun sabet it-triq li twassal għal djalogu sħiħ bejn żewġt iqlub li jinħabbu b'imħabba tal-ġenn – il-qalb ta' Alla u dik tal-bniedem.

Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, bħall-Ewkaristija, jgħaqqad il-bniedem ma' Alla b'mod tant intimu li ma jħallix spazju għan-niket, għal qtiegħ-il qalb, għad-dubju, għall-ħażen. Kemm ikun sew jekk iż-żgħażagħ tagħna ngħinuhom jagħrfu l-kobor u s-sabiħ ta' dan is-Sagrament. Kemm ikun sew jekk nitħabtu ftit sabiex nikkoreġu l-ħsara li ssir liż-żgħażagħ meta ma nwassluhomx il-għarfien tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni b'mod li verament imissilhom qalbhom. Kemm ikun sew li ma nibqgħux lura milli ngħallmu u nħajru liż-żgħażagħ tagħna jersqu għal dan is-sagrament tal-imħabba ta' Alla għalina. Nipproponu li matul is-sena li ġejja nirriflettu ftit u niffokaw xi ftit aktar fuq is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Nifirħilkom għall-ħidma tagħkom matul is-sena li għaddejna. Nawguralkom preparazzjoni u festa sabiħa tal-Milied. Grazzi tal-ħbiberija u l-kuraġġ li tagħmlulna.

Inselli ħafna għalikom,

Fr. Savio.

**F'dan l-UPDATE tistgħu issibu:**

1. It-tieni ittra tal-Arċisqof liż-żgħażagħ | Talb ta' filgħaxija maż-żgħażagħ
2. Lista ta' quddies animat miż-żgħażagħ
3. Attivitajiet għall-Avvent u Milied
4. Progress tal-ktieb tal-kant *Iktus*
5. Servizz miċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet tal-Kapuċċini
6. *Resource Centre*

## 1. It-tieni ittra tal-Arċisqof liż-żgħażagħ

***Talb ta' filgħaxija maż-żgħażagħ***

Fil-bidu ta' sena liturġika ġdida, sewwasew għall-ewwel Ħadd tal-Avvent, Mons. Arċisqof ser jerġa' jingħaqad maż-żgħażagħ biex jitlob magħhom u jaqralhom it-tieni ittra tiegħu. Din id-darba l-organizzazzjoni ta' din l-attivita` ser tkun f'idejn il-Kummissjoni Żgħażagħ Mosta (KŻM). Wara l-mument ta' talb ikun hemm ukoll

mument ta' soċjalizzazzjoni fejn Mons. Arċisqof jiltaqa' maż-żgħażagħ preżenti. Id-dettalji huma dawn:

**Data:** Il-Ħadd 30 ta' Novembru 2008
**Post:** Oratorju Qalb ta' Ġesu`, Mosta
**Ħin:** 7pm
*Poster mehmuż*

**N.B.** Nixtiequ wkoll nappellaw biex jekk hemm xi grupp li jixtieq janima il-vespri li jmiss (li ser isiru fil-bidu taż-żmien ta' matul is-sena i.e. il-Ħadd 11 ta' Jannar, jagħmel kuntatt magħna billi iċemplilna jew jibgħat email fuq info@kdz.org.mt.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 2. Lista ta' quddies animat miż-żgħażagħ

Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk li għamlu kuntatt magħna rigward il-lista ta' quddies animat miż-żgħażagħ. Mehmuż ma' din l-email għandkom il-lista finali li din il-ġimgħa ser tintbagħat li min ser jagħmlilna id-disinn. Jekk issibu xi żbalji, nitlobkom sabiex tgħarrfuna dwarhom mill-aktar fis possibli billi iċċemplu jew tibagħtu email fuq mariella@kdz.org.mt.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 3. Attivitajiet għall-Avvent u l-Milied

Nemmnu li tkun ħaġa sabiħa u apprezzata miż-żgħażagħ jekk ngħarrfuhom b'dawk l-attivitajiet li ser jiġu organizzati matul iż-żmien tal-Avvent u tal-Milied. Għalhekk, hekk kif sar is-sena li għaddiet, beħsiebna li fl-UPDATE young people u fil-websajt nagħmlu lista ta' quddies jew inizjattivi għal matul dan iż-żmien.

Għalhekk, dawk fostkom li beħsiebhom jorganizzaw xi seminars, irtiri, quddies ta' nofsillejl, mument ta' talb eċċ għal dan iż-żmien liturġiku huma mitluba jibgħatulna d-dettalji fuq info@kdz.org.mt.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 4. Progress tal-ktieb tal-kant *Iktus*

Il-ktieb *Iktus*, wara li sarulu l-aħħar tibdiliet, bħalissa jinsab għand il-*printers* fejn qed isirulu l-arranġamenti finali qabel ma jiġi pprintjat. Fuq talba ġenerali tal-Kappillani, il-ktieb ser ikun jinkludi ġabra ta' talb, li tinkludi it-talb kollu li jinsab f'Għanjiet il-Ġemgħa u xi talb ieħor. Ġew ukoll inklużi il-*copyright lines* tal-maġġoranza tal-innijiet, li permezz tagħhom inkunu *covered* fejn tidħol il-liġi tal-*copyright.*

Issa li x-xogħol fuq il-ktieb hu lest, beda wkoll ix-xogħol fuq is-sit www.awakeningasaph.org./iktus li ser ikun jinkludi kordi, melodiji u anke *midis* tal-

innijiet li jinsabu fil-ktieb. Jekk għandkom xi materjal li jista' jkun ta' għajnuna għalina, nitolbukom tikkuntattjawna billi tibgħatulna email fuq iktus@awakeningasaph.org.

Għal dawk fostkom li diġa' ordnaw il-ktieb, nixtieq ngħarrfukom li ma' kull 50 kopja ser jingħata ic-CD *Awakening Asaph* b'xejn.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 5. Servizz miċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet tal-Kapuċċini

Iċ-ċentru tal-Vokazzjonijiet tal-Kapuċċini qegħdin joffru input vokazzjonali liż-żgħażagħ f'forma ta' laqgħat, *discussion forums, live-ins* … fuq dawn it-tliet livelli:

- Il-ħajja bħala vokazzjoni
- Il-ħajja nisranija bħala vokazzjoni
- Id-diversi sejħat fi ħdan il-Knisja (żwieġ, saċerdozju u ħajja kkonsagrata)

Għal aktar informazzjoni tistgħu tidħlu f'dan il-link:
http://www.kdz.org.mt/assets/files/write%20up%20CVK.pdf

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## 6. *Resource Centre*

Iċ-ċentru ta' riżorsi tal-KDŻ qiegħed kontinwament jiġi aġġornat b'materjal ġdid. Bħalissa qed nirċievu wkoll il-magazine *Paulus* – riżorsa tajba ħafna fuq it-temi tas-Sena Pawlina. Dan iċ-ċentru jkun miftuħ kull nhar ta' Tnejn bejn il-5 u t-8pm jew b'appuntament.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

***Li kieku kulħadd jiġbed fl-istess direzzjoni, id-dinja tegħleb fuq naħa waħda (Proverbju Lhudi)***

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++